# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## ROBERT G. MANGION

### SEDUTA TAT-30 TA' GUNJU 2020

**Kawża Numru: 7**

**Rik. Ġur. 332/2010 RGM**

**Josephine Baron (K.I. 369740M)**

**vs.**

**Dominic u Agatha konjugi Scicluna**
**u**
**Benedetta u Alfred konjugi Mizzi**
**u**
**u b'digriet tal-11 ta' Jannar, 2011 gie kjamat fil-kawza l-Perit Philip Tabone**

**Il-Qorti:**

Rat ir-**rikors ġuramentat ta' Josephine Baron** li permezz tiegħu ippremettiet u talbet is-segwenti:

1. Illi r-rikorrenti hija wild Vincenzo Baron u Carmena Baron xebba Scicluna;

2. .lli Vincenzo Baron u Carmena Baron xebba Scicluna kellhom zewgt itfal li huma (i) Mary Baron u (ii) Josephine Baron, l-attrici fil-kawza;

3. Illi Carmena Baron xebba Scicluna mietet fid-9 ta' Frar 1969;

4. Illi Vincenzo Baron miet fit-28 ta' Awissu 1977;

5. Illi l-attrici u oht l-attrici Mary Baron kienu wirtu lill-missierhom u lill-ommhom b'mod intestate minhabba l-fatt li ma ghamlux testmenti, u hallew lit-tfal b'ishma ugwali kif jidher fl-anness denunzja ta' Vincenzo Baron hawn immarkat u anness bhala **dokument JB 1;**

6. Illi oht l-attrici Josephine Baron, mietet fil-11 ta' Novembru 1991 fejn ukoll mietet b'mod intestat u fejn ghalhekk il-wirt iddevolva fuq l-attrici Josephine Baron, bhala l-unika eredi ta' l-istess Mary Baron. Illi kopja tad-denunzja qieghed jigi hawn anness bhala **dokument JB 2**;

7. Illi Vincenzo Baron u cjoe' missier l-attrici, kien dahal f'kuntratt ta' enfitewsi perpetwa fejn xtara u akkwista b'dan it-titolu ta' enfitewsi perpetwa is-segwenti –

'is-sit jew art tajba ghall-bini, li qieghed il-Birgu fi Stada Bastione del Fosso, kantuniera ma' propjeta' ta' Lorenzo Cacciattolo, min-nofsinhar ma' Strada Bastione del Fosso, mill-Punent ma' beni tal-komparenti ahwa Bugeja u mil-lvant ma' Strada Salita del Fosso; Fuq dan is-sit kien hemm mibnijin kamra markata numru ghaxra, mezzanine market numru tmienja u disgha, u dar markata numru sitta u sebgha li llum jinsabu imgarrfin, kif jidher mill-kuntratt tad-divizjoni li sar fl-atti tan-Nutar Francesco Caruana Dingli tal-11 ta' Novembru 1902. …'

8. Illi Vincenzo Bugeja xtara u akkwista tali propjeta' hawn fuq deskritt permezz tal-kuntratt fl-atti tan-Nutar Emanuele Agius tal-ghoxrin (20) ta' Ottubru 1937, li kopja tieghu qieghed jigi hawn anness u mmarkat bhala **dokument JB 3**;

9. Illi llum il-gurnata, dawn il-postijiet gew mibnija u l-propjeta' tar-rikorrenti hija d-dar fejn tghix hi stess u cjoe' 30 Triq il-Mina l-Kbira Vittoriosa, oltre arja li ghandha u li tinsab fit-triq, 1 Telghet il-Foss Vittoriosa, sovrastanti l-mezzanin/terran, ta' l-intimati Dominic u Agatha konjugi Scicluna, u dana peress li din l-arja kien xtrah u akkwistah missierha, b'dan il-kuntratt **dokument JB 3**;

10. Illi l-attrici kif ukoll missier l-attrici huma sidien tal-arja tal-mezzanin 1 Telghet il-Foss Vittoriosa, tant li anki kien hemm skambju ta' korrispondenza bejn il-Perit Mercieca u Vincenzo Baron, meta inbena t-terran ta' taht din l-arja, u dan kif jidher mid-dokumenti hawn annessi bhala dokumenti **JB 4 sa JB 7** inkluzi;

11. Illi ebda mill-intimati ghandhom tarag sabiex jaccedu ghall-fuq is-saqaf propjeta' tal-attrici u qatt ma kellhom access ghall-istess saqaf;

12. Illi l-intimati xi snin ilu, u b'mod abuziv u illegali nsattallaw tank u sistema ta' katusi kull wiehed ta' l-ilma fuq l-arja propjeta' tal-attrici, liema azzjoni da parti taghhom ma saritx bil-kunsens u/jew bil-konoxxenza tal-attrici;

13. Inoltre, l-intimati konjugi Scicluna ghamlu ventilatur b'mod abbuziv u illegali fejn ghamlu fetha fis-saqaf ghal fuq din l-arja, u poggew gebla fuq din il-fetha, liema fetha u gebla, jinvadu l-arja tal-attrici, u dan minghajr ma hadu ebda kunsens u/jew awtorizzazzjoni da parti ta' l-attrici;

14.Illi kemm it-tankijiet, il-pajpijiet u l-ventilatur qieghdin jidhru mill-anness ritratti markati **dokumenti JB 8 sa JB 10 inkluzi**;

15. Illi l-attrici ntavolat ittra ufficcjali nhar l-4 ta' Dicembru 2009, fejn interpellat lill-konvenuti sabiex inehhu t-tank ta' l-ilma rispettiv taghhom, kif ukoll talbet lill-intimati Scicluna sabiex jaghlqu l-ventilatur in kwistjoni. Illi dan jidher mill-anness **dokumenti markati JB 11 u JB 12**;

16.Illi l-konvenuti naqsu sabiex jaderixxu mat-talba ta' l-attrici;

17.Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

Jghidu ghalhekk l-intimati prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna l-ghala din il-Qorti m'ghandhiex –

1. Tiddikjara u tiddeciedi li l-attrici hija propjietarja tal-arja sovrastanti l-fond/mezzanin 1 Telghet il-Foss Vittoriosa;

2. Tiddikjara li l-konvenuti b'mod abuziv u illegali invadew l-arja propjeta' ta' l-attrici'

3. Tikkundanna lill-konvenuti sabiex inehhu t-tankijiet rispettivi ta' l-ilma u pajpijiet minn fuq din l-arja sovrastanti l-fond/mezzanin bin-numru wiehed (1) Telghet il-Foss Vittoriosa, kif ukoll sabiex l-konvenuti konjugi Scicluna jaghlqu l-fetha tal-ventilatur u inehhu l-gebla fuq il-ventilatur, u dan fi zmien qasir u perentorju stabbilit mill-Qorti;

4. Fin-nuqqas li jaghmlu dak mitlub skont it-tielet talba, tawtorizza lill-attrici sabiex taghmel ix-xogholijiet kollha necessarji u ancillari, sabiex jitnehhew t-tankijiet u pajpijiet li jisporgu fuq l-arja ta' l-attrici, kif ukoll jinghalaq it-toqba tal-ventilatur u jitnehha l-geblali tinsab fuq il-ventilatur, u taht is-sorveljanza ta' Perit nominandi , a spejjez tal-konvenuti.

Bl-ispejjez kollha kontra l-intimati, inkluz bl-ispejjez tal-ittri ufficcjali tal-4 ta' Dicembru 2009, markati **JB 11 u JB 12**, u b'rizerva ghad-danni sofferti mill-attrici, u bl-ingunzjoni tal-konvenuti in subizzjoni

Rat ir-r**isposta ġuramentata ta' Dominic Scicluna, Agatha Scicluna, Benedetta Mizzi u Alfred Mizzi** li permezz tagħha eċċepew :

1. Illi m'hemmx kontestazzjoni li l-attriċi hija proprjetarja tal-arja sovrastanti l-fond/mezzanin bin-numru 1, Telghet il-Foss, Vittoriosa;

2. Illi l-konvenuti Dominic u Agatha Scicluna ma ghamlu xejn abbuziv u illegali u ma nvadewx l-arja proprjeta' ta' l-attrici;

3. Illi l-konvenuti Dominic u Agatha Scicluna ma humiex proprjetarji tal-fond fejn jirrisjedu numru 1, Telghet il-Foss, Vittoriosa;

4. Illi l-konvenuti Dominic u Agatha Scicluna ma ghamlu l-ebda ventilatur u gebla fuq il-ventilatur u li dawn ilhom hemm sa minn qabel ma huma marru jirrisjedu fil-fond imsemmi u cioe' qabel is-sena 1963;

5. Illi l-konvenuti Scicluna ma jafux min huwa l-proprjetarju tal-fond fejn huma jirrisjedu u ma jistghux jigu ordnati jnehhu dak mitlub fir-rikors guramentat;

Rat ir-r**isposta ġuramentata tal-kjamat in kawza Philip Tabone** fejn jingħad kif ġej:

1. Illi t-talbiet tar-rikorrenti, in kwantu huma diretti kontra l-eccippjenti, huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu rigettati bl-ispejjez stante illi ma hux minnu illi r-rikorrenti hija l-proprietarja tal-arja tal-fond 1, Telghet il-Foss, Vittoriosa.  Jispetta lir-rikorrenti li tipprova din l-allegazzjoni taghha u lil hadd izjed.

2.  Illi in kwantu jirrigwarda t-talbiet l-ohra kollha dawn ukoll certament li ma jistghux jintlaqghu fil-konfront tal-esponenti stante li huwa ma ghamel xejn li b'xi mod invada l-istess arja, b'xi tankijiet tal-ilma u jew pipijiet jew b'xi mod iehor billi huwa qatt ma ghamel ebda xogholijiet u jew ta xi permess ghall-installazzjjoni tal-istess.

3. Salvi kontestazzjoni ulterjuri.

Rat l-atti tal-kawża;

Rat il-provi kollha li tressqu fil-kors tal-kawża;

Rat illi fl-udjenza tal-15 ta' Ġunju 2010 din il-Qorti diversament preseduta nnominat lil Perti Valerio Schembri bhala perit gudizzjarju;

Rat li bid-digriet tal-11 ta' Jannar 2011 ġie kjamati in kawża Philip Tabone;

Rat ix-xhieda kollha li ġew prodotti matul il-mori tal-kawża quddiem il-Qorti u quddiem il-Perit Tekniku nominat mill-istess Qorti u dokumenti preżentati minnhom;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti ppreżentata fil-5 t'Awwissu 2014[1], kif ukoll in-nota ta' sottomissjonijiet tal-kjamat in kawża ppreżentata

[1] Paġna 128 tal-proċess.

fil-5 ta' Jannar 2016[2]. Il-konvenuti l-oħra naqsu milli jagħmlu nota ta' sottomissjonijiet;

Rat ir-rapport tal-Perit Valerio Schembri ppreżentat fis-26 ta' Ġunju 2017 kif ukoll l-eskussjoni tal-istess tal-15 ta' Ġunju 2018;

Rat illi l-Perit Valerio Schembri reġa' aċċeda fuq il-fond in kwistjoni u dan fuq talba tal-avukati sabiex jirrelata dwar ir-rewwieħa u jekk din tistax "tispiċċa fil-hajt illi jghati ghall-bitha tal-istess attriċi jew tistax tiġi estiża ghal fuq"[3].

Rat it-tieni rapport tal-Perit ppreżentat fl-4 t'April 2019;

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Rat illi l-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

Ikkunsidrat

Din l-azzjoni tirrigwarda arja sovrastanti l-fond/mezzanin bin-numru wieħed (1) Telgħet il-Foss, il-Birgu, f'liema fond jirrisjedu fih il-konvenuti konjuġi Scicluna iżda l-propjetarju huwa l-kjamat in kawża Philip Tabone. Ir-rikorrenti intavolat l-azzjoni odjerna sabiex jiġi deċiż li hija l-propjetarja ta' dik l-imsemmija arja u sabiex jitneħħew it-tankijiet rispettivi ta' l-ilma u pajpijiet imqiegħda mill-konvenuti minn fuq din l-arja sovrastanti l-fond/mezzanin surreferit, kif ukoll sabiex l-konvenuti konjuġi Scicluna jagħlqu l-fetħa tal-ventilatur u ineħħu l-ġebla minn fuq il-ventilatur.

Ikkunsidrat

[2] Paġna 195 tal-proċess.
[3] Paġna 327 tal-proċess.

Mir-risposti ġuramentati tal-konvenuti konjuġi Mizzi u konjuġi Scicluna jirriżulta li m'humiex qegħdin jikkontestaw li s-Sinjura Baron hija l-propjetarja tal-arja sovrastanti l-fond in kwistjoni. Mhux l-istess jista' jingħad għal kjamat in kawża Tabone fejn fl-ewwel eċċezzjoni huwa eċċepixxa li "ma hux minnu illi r-rikorrenti hija il-proprietarja tal-arja tal-fond 1 Telghet il-Foss Vittoriosa"[4]. Kien biss waqt il-prosegwiment tal-kawża speċifikament waqt is-seduta tas-6 ta' Lulju 2015, fejn il-kjamat in kawża Philip Tabone iddikjara "li l-arja mertu ta' dawn il-proċeduri tappartjeni lill-attrici u għaldaqstant jammetti l-ewwel talba attriċi iżda mhux it-tieni talba"[5].

In vista tal-konferma mill-konvenuti u d-dikjarazzjoni tal-kjamat in kawża l-Qorti ser tgħaddi sabiex tilqa' l-ewwel talba.

Ikkunsidrat

It-tieni ilment tar-rikorrenti jirrigwarda t-tankijiet tal-ilma u pajpijiet minn fuq l-arja tal-mezzanin in kwistjoni kif ukoll sabiex il-konjuġi Scicluna jagħlqu l-fetħa tal-ventilatur u jneħħu l-ġebla minn fuq il-ventilatur.

Waqt is-seduta miżmuma quddiem il-Perit Tekniku fid-29 t'Ottubru 2015, il-partijiet qablu illi tneħħew il-pajpijiet u t-tankijiet u li dawn tneħħew minn Domenic Scicluna. Dan reġa' ġie kkonfermat mir-rikorrenti fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha fejn issottomettiet li "fil-mori tal-kawza l-intimati nehhew dawn it-tankijiet, katusi u pajpijiet"[6]. Il-kontestazzjoni pendenti hija meta fil-fatt dawn tneħħew – jekk kienx qabel li ġiet intavolata l-kawża jew jekk tneħħewx b'riżultat ta' din il-kawża – liema kontestazzjoni fil-verità ma tbiddel xejn fl-istat ta' fatt għajr għall-ispejjeż tal-istess talba.

Min-naħa tagħhom il-konvenuti jinsistu li t-tankijiet u l-pajpijiet neħħewhom qabel ma ġiet intavolata l-azzjoni, filwaqt li r-rikorrenti fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha issottomettiet li dawn tneħħew fil-mori tal-kawża.

[4] Paġna 61 tal-proċess.
[5] Paġna 166 tal-proċess.
[6] Paġna 136 tal-proċess.

Il-Perit Tekniku fir-rapport tas-26 ta' Ġunju 2017 għalkemm ikkonferma li t-tankijiet "f'xi żmien kien jeżisti", huwa ma kienx "f'pozizzjoni jistabbilixxi jekk l-istess tank tnehhiex fil-mori tal-kawza o meno, dan stante li ma' jistax b'certezza jasal ghad[-]data meta ttiehdu r-ritratti esebiti mat-talba attriċi"[7].

Il-Qorti, wara li qieset il-provi kollha prodotti mill-partijiet tqis illi l-verżjoni tal-attriċi hija aktar attendibbli. Ħadd, la l-konvenuti u lanqas il-kjamat in kawza ma ddikjaraw fir-risposti ġuramentati rispettivi tagħhom illi t-tankijiet u l-pajpjiet ma kienux għadhom fuq il-bejt meta ġew notifikati bir-rikors ġuramentat. Għalhekk ma tqisx il-verzjoni tal-konvenuti attendibbli.

Jonqos għalhekk jiġi kkunsidrat il-ftuħ tal-ventilatur.

Ikkunsidrat

Fit-tieni parti tat-tielet talba, ir-rikorrent titlob lill-Qorti tikkundanna lil Scicluna jagħlaq il-ventilatur li huwa fetaħ fl-arja tagħha kif ukoll ineħħi l-ġebla li hemm fuqu.

Il-konvenuti Scicuna ma jikkontestawx li huma għandhom ventilatur jew rewwieħa li tagħti għal ġol-arja tar-rikorrenti, però Domenic Scicluna fid-9 ta' Frar 2012 xehed li "il-ventilatur li għandi jagħti għall-bejt mertu tal-kawża ngħid li dan ili nafu hemm minn dejjem"[8] Fil-kontinwazzjoni tax-xhieda tiegħu tas-27 ta' Marzu 2012 huwa spjega li l-ventilatur huwa "mibni bħal tromba".[9] Jippreżenta wkoll ittra datata 27 ta' Mejju 1987 fejn permezz tagħha r-rikorrenti kienet talbet lil Scicluna sabiex "fi żmien jumejn tiehu hsieb li taghlqu l-ventilatur li infetah abusivament fuq il-bejt proprjetà taghhom"[10].

---

[7] Paġna 236 tal-proċess.
[8] Paġna 283 tal-proċess.
[9] Paġna 288 tal-proċess.
[10] Paġna 290 tal-proċess.

Il-fatt waħdu li l-ventilatur jew rewwieħa in kwistjoni ilu hemm dan ma joħloqx xi jedd ta' servitu u dan għaliex fetħa għall-arja hija mogħtija biss b'mera tolleranza u għalhekk dak il-ġar li jkun fetaħha (u s-suċċessuri fit-titolu tiegħu) ma jitqiesx li qatt jista' jkollu l-"pussess" tagħha. Fil-fatt l-**Artikolu 526 tal-Kodiċi Ċivili** jipprovdi li: "Dawk l-atti li huma biss fakultattivi jew li jitħallew li jsiru biss bil-bona grazzja ma jistgħux jiswew ta' bażi għall-ksib tal-pussess.". Il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) (Ġurisdizzjoni Superjuri) fis-sentenza tagħha tat-30 ta' Lulju 2010 fil-kawża fl-ismijiet **Angelo Micallef et vs. Maria Antonia Farrugia et** (Ċit Nru 80/2009)[11] irriteniet hekk:

> "Għalkemm m'huwiex permess il-ftuħ ta' twieqi f'ħajt diviżorju, il-ġurisprudenza tirrikonoxxi li wieħed jiftaħ rewwieħa li qatt ma tista' tikkostitwixxi servitu` (ara **Annuziata Galea vs Antonio Fenech** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-2 ta' Diċembru 1964 u l-ġurisprudenza li saret riferenza għaliha – Volum. XLVIII.ii.1300). Rewwieħa ma tistax tagħti lok għal ħolqien ta' servitu`, irrispettivament min-numru ta' snin li jgħaddu minn meta ssir.

Filwaqt li rewwieħa / ventilatur qiegħed hemm sabiex jipprovdi arja (u mhux dawl)[12] ġewwa l-kmamar relattivi fid-dar tal-konjuġi Scicluna, dan il-ventilatur ma jista' joħloq l-ebda preġudizzju lil Josephine Baron milli tiżviluppa l-arja tagħha. Fis-sentenza **Emanuel Vella et vs. John Galea** (Ċit Nru 245/1993) tad-9 ta' Ottubru 2003, din il-qorti diversament preseduta osservat: "It-toqob in kwistjoni ma joholqu ebda inkonvenjent lill-konvenut, u mhux mehtieg li, f'dan l-istadju, jitnehhew, pero', jigi enfasizzat li dawn it-toqob ma jistghu qatt joholqu servitu', u jekk jirrizulta li dawn, 'l quddiem, ikunu ta' inkonvenjent insopportabbli lil min ikun fil-pussess tal-fond sottostanti, jew jekk is-sid tal-fond sottostanti jkun jista' u jrid jizviluppa l-proprieta' tieghu biswit dawk it-toqob, dawn ikunu jridu jinghalqu.".

[11] Ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fit-28 ta' Marzu 2014.
[12] Ara **Jane Zahra et vs. Rita Sacco** (Ċit Nru 95/2006 JZM) deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-15 ta' Diċembru 2009.

Fuq talba tal-partijiet il-Perit Tekniku Valerio Schembri reġa' aċċeda fuq il-fond il-kwistjoni sabiex jirreleta dwar x'jista' jsir sabiex il-konvenut Scicluna jibqa' jibbenefika mill-arja li tidħol minn dan il-ventilatur għal raġunijiet sanitarji kif ukoll għaliex l-istess rikorrenti jidher li kienet lesta li tippermetti lill-konvenuti Scicluna jkomplu jgawdu minn din ir-rewwieħa. Il-Perit ħareġ b'dawn is-soluzzjonijiet:

a. "Ir-rewwieha tigi estiża lejn il-bitha ta' l-attrici fil-livell fejn tinsab fil-prezent, basta l-connection kemm jekk tkun tramite trinka ffurmata jew maqtugha fil-gebel, kif ukoll jekk tkun tramite pipe tal-pvc, ma tkunx 90 degrees mal-ventilatur, però tinghata vija b'agonlatura propizju sabiex il-hajt divisorju [...]"[13]
b. "Jekk jitilghu sulari ohra sovrastanti ghal fond fejn fil-prezent jabitaw il-konvenuti konjugi Scicluna, jekk wiehed jaghmel uzu minn s-sengha u l-arti propizju ma ghandux ikun hemm diffikultà sabiex l-istess sistema tigi estiża ghal fuq il-bejt tal-binja li tittella"[14]

Issir referenza għall-**Artikolu 104 (2) tal-Kapitolu 10** (Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija) fejn għalkemm ir-rewwieħa hija b'mera tolleranza dan l-imsemmi sub-artikolu jipprovdi li "is-sid jew id-detentur tal-parti ta' fuq ta' dar **għandu** jħalli li jsiru, min-naħa t'isfel tad-dar sa fuq il-bejt tagħha, il-ventilaturi meħtieġa"[15], b'mod illi jkunu tal-anqas xkiel għal min joqgħod fid-dar, jew f'parti tad-dar, illi fiha jkunu saru jew tqiegħdu, u tal-anqas ħsara lid-dar jew lil dik il-parti tad-dar.

Għaldaqstant din il-Qorti filwaqt li tagħmel tagħha l-insenjament suċitat u ċioe rewwieħa jew ventilatur ma jagħti lok għal ebda servitu iżda huwa biss konċess b'mera tolleranza mir-rikorrenti, din il-Qorti mhux ser tordna l-għeluq tal-istess issa u dan proprju minħabba dak li jipprovdi l-Artikolu 104 (2) tal-Kapitolu 10, iżda jekk ir-rikorrenti sejra tiżviluppa l-arja, dan il-ventilatur m'għandux ikun ta' xkiel milli tagħmel dan.

---

[13] Paġni 365 – 6 tal-proċess.
[14] Paġna 366 tal-proċess.
[15] Enfasi miżjud.

Ikkunsidrat

Il-kjamat in kawża b'mod konsistenti baqa' jinsisti li huwa m'għandux ikun soġġett għall-ebda spejjeż tal-kawża. Jgħid li l-attriċi kienet naqset milli tgħaddi kopja tal-kuntratti li juru li r-rikorrenti hija s-sid tal-arja fuq il-mezzanin odjern. Din l-allegazzjonii da parti tal-kjamat in kawża tressqet wara li l-provi kienu magħluqa inkluż dawk tal-kjamat in kawża u wara li r-rikorrenti kienet diġà ppreżentat in-nota ta' sottomissjonijiet tagħha.

Din il-Qorti tqis li l-kjamat in kawża kien konsapevoli li l-attriċi kienet ippreżentat affidavit bil-kuntratti annessi miegħu. Huwa minnu li kull dokument ippreżentat mar-rikors ġuramentat għandu jiġi notifikat lill-kontro-parti[16] kif ukoll kwalunkwe dokumenti ieħor li jiġi ppreżentat fil-mori tal-kawża iżda jekk dan ma jseħħx, anke jekk minn ippreżenta d-dokument ikun ġie ssolleċitat għal diversi drabi, kull parti responsabbli u li għandha interess fil-proċeduri li mixjin kontrih għandha tikseb kopja tal-att hi[17] mill-proċess li huwa disponibbli kemm għal parti kif ukoll għall-avukat u għall-prokuratur legali tiegħu u ġġib tali fatt għall-attenzjoni tal-Qorti. L-istess setgħu wkoll talbu kopja lill-Perit Tekniku permezz ta' korrispondenza elettronika jew waqt is-seduti li kienu qegħdin jinżammu quddiemu.

Il-Qorti tosserva illi (a) m'hemm l-ebda referenza fir-risposta ġuramentata tal-kjamat in kawża li ma ġiex notifikat bid-dokumenti; u (b) għadda sabiex għalaq il-provi mingħajr riżerva. Il-Qorti tinnota wkoll li fl-1 ta' Novembru 2010, ir-rikorrenti bagħtet ittra lill-kjamat in kawża[18] li jidher li magħha ġie anness kopja tal-kuntratt tal-1887 u għalhekk kien konxju ta' dan il-kuntratt qabel kien parti f'din il-kawża. Il-Qorti għalhekk tqis li l-kjamat in kawża għandu jbati parti mill-ispejjeż.

---

[16] Artikolu 168 tal-Kapitolu 12: "Mar-rikors ġuramentat għandhom jiġu nnotifikati lill-konvenut b'kopja, id-dikjarazzjoni u kull dikjarazzjoni maħlufa fuq imsemmija u n-nota tad-dokumenti miġjubin flimkien mar-rikors ġuramentat."

[17] Artikolu 115 tal-Kapitolu 12: "L-atti ta' kull qorti jista' jarahom kulħadd, u tagħhom tingħata kopja lil kull min jitlobha."

[18] Paġna 42 tal-proċess.

Il-konvenuti wkoll għandhom jagħmu tajjeb għal parti mill-ispejjeż. Din il-Qorti tqis li ħadd mill-konvenuti ma eċċepixxa li t-tankijiet u l-pajpijiet neħħewhom qabel ġiet intavolata din il-kawża. Il-Qorti tqis għalhekk illi t-tankjiet u l-pajpijiet tneħħew fil-mori tal-kawża.

**Decide**

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi prevja li tiddisponi mill-eċċezzjonijiet sollevati mill-konvenuti u mill-kjamat in kawża konformement ma' dak hawn deċiż,

1. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara illi l-attriċi hija l-proprjetarja tal-arja sovrastanti l-fond/mezzanin numru wieħed (1), Telgħet il-Foss, Vittoriosa;

2. Tilqa' in parte t-tieni talba u tiddikjara li l-kjamat in kawza b'mod abbużiv u illegali invada l-arja proprjeta' ta' l-attriċi;

3. Tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-ewwel parti tat-tielet talba u konsegwentement il-parti relattiva fir-raba' talba stante li t-tankijiet tal-ilma u l-pajpijiet tneħħew fil-mori tal-kawża u għalhekk il-mertu tagħhom huwa eżawrit;

4. Tiddikjara illi l-ventilatur mertu tal-kawża qiegħed hemm b'mera tolleranza u ma jikkostitwixxiex servitu' gravanti l-fond tal-attriċi. Tenut kont il-ħtieġa sanitarja tiegħu il-Qorti tiċħad it-talba għat-tneħħija tiegħu b'dan illi fl-eventwalita' li l-attriċi jew is-suċċessuri tagħha fit-titolu jkunu ser jizviluppaw l-arja de quo proprjeta' tagħhom, il-ventilatur għandu jiġi spustat a spejjeż tal-kjamat in kawża jew tas-suċċessuri tiegħu fit-titotu, u dan skond l-arti u s-sengħa bl-anqas piss possibbli għall-fond illum proprjeta' tal-attriċi.

L-ispejjeż jiġu sopportati bil-mod segwenti; il-kjamat in kawża u l-konvenuti jissaportu l-ispejjeż rispettivi tagħhom u għalhekk jibqgħu bla taxxa; filwaqt li l-ispejjeż tal-attriċi huma a karigu tal-kjamat in kawża u tal-konvenuti bil-

mod segwenti;  terz il-kjamat in kawża;  terz il-konvenuti konjuġi Scicluna u terz il-konvenuti konjuġi Mizzi.

**Moqrija**

**Onor. Imħallef Robert G. Mangion**